**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, it-Tlieta, 4 ta' Ottubru, 2016**

**Kawża Nru 38**

**Rikors Nru. 581/15JRM**

Angelo **MIFSUD**

vs

**EMANUEL BALDACCHINO & CO LTD (C-44700)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-12 ta' Ġunju, 2015, li bih ir-rikorrent, għar-raġunijiet hemm imfissra talab

a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas is-somma ta' wieħed u għoxrin elf ħames mija u sitta u ħamsin euro (€21,556) li tirrappreżenta l-prezz ta' xogħol u materjal tal-bini minnu provduti fuq talba tal-kumpannija mħarrka fil-fond numru tlieta u sittin (63), Triq il-Punent, Valletta;

Talab ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata;

Rat d-degriet tagħha tal-5 ta' Lulju, 2016 li bih tat lill-kumpannija mħarrka l-fakulta li titħalla tikkontesta l-kawża;

Rat li, minkejja l-fakulta mogħtija lilha, il-kumpannija mħarrka naqset li tressaq it-Twegiba Maħlufa tagħha fiż-żmien mogħti lilha u b'hekk waqgħet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat ta' l-attur;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba tal-attur** fid-dawl tad-digriet mogħti fil-5 ta' Lulju, 2016;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-attur is-somma ta' wieħed u għoxrin elf ħames mija u sitta u ħamsin euro (€21,556) rappreżentanti l-prezz ta' xogħol u materjal fornit flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-12 ta' Ġunju, 2015, sal-jum tal-ħlas effettiv;

3) **Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas **l-ispejjez tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**4 ta' Ottubru, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**4 ta' Ottubru, 2016**